ST. FRANCIS SECONDARY SCHOOL

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2015 – 2016

MALTI

L-ISEM: ________________________________ INDEX NO: ______

IL-KLASSI: Form 2 ___ ĦIN: Sagħtejn

ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA u tħalli XEJN barra.
2. Irrevedi l-karta sew.
3. L-ortografija tajba, l-ideat u l-preżentazzjoni pulita jgħinuk tikseb aktar marki.

---

**TIKTEB XEJN F'DIN IS-SEZZJONI**

SKEMA TA' MARKI GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

| **Sezzjoni** | **A** 20 | **B** 10 | **Ċ** 6 | **D** 16 | **E** 8 | **F** 20 | **Ġ** 20 | Marka minn 90% | Marka taħdit 10% | Marka totali 100% |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | | | | | | | | | | |

Kummenti:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

St. Francis Secondary

St. Francis Secondary

**A. Il-Kitba** (20 marka)

Ikteb **komponiment** ta' 250 kelma fuq **wieħed** minn dawn it-titli:

1. Ibda l-komponiment b'dan il-kliem: "Ġib il-kamera!" bdiet tgħajjat imbeżżgħa.

   "Ġib dik il-kamera!" ...

2. Inċident li spiċċa b'kulħadd jidħak.
3. It-triq li tgħix fiha int.
4. Iddeskrivi persuna fqira jew persuna sinjura.

**Dan huwa spazju biex tagħmel il-pjan ta' kitba tiegħek. Kun libera li tikteb dak li tixtieq.**

**Ikteb it-titlu tal-komponiment magħżul u kompli l-kitba tiegħek f'dan l-ispazju provdut.**

St. Francis Secondary

St. Francis Secondary

St. Francis Secondary

**B. Taħriġ il-Fehem** (10 marki)

Id-Djarju ta' Anne Frank

Anne Frank twieldet minn familja Lhudija fil-Ġermanja fl-1929. Fl-1933 il-familja tagħha emigrat lejn l-Olanda biex jaħarbu min-Nażisti, li kienu jaqbdu l-Lhud u jixħtuhom f'kampijiet ta' konċentrament biex imutu.

Hija kellha djarju li semmietu "Kitty". Dan kienu tawhulha l-ġenituri tagħha f'għeluq it-tlettax-il sena tagħha. Anne Frank dejjem kienet toħlom li la tikber tilħaq artista. Missierha Otto kien raġel sinjur u kien direttur ta' fabbrika tal-*ispices*. Hi kellha oħtha ikbar minnha li kien jisimha Margot u kellha qattus jismu Moortie li kien għal qalbha ħafna. Il-ħabiba tagħha kien jisimha Whannah u kienet Lhudija bħalha.

St. Francis Secondary

Niġu għal żmien il-gwerra u nistqarru dak li għaddiet din il-povra tifla. Hitler ħareġ ordni li l-Lhud kollha jilbsu *badge* safra forma ta' stilla biex jingħarfu. Din kienu jilbsuha kull xħin joħorġu. Sat-tmienja riedu jkunu ġewwa. Ma setgħux jidħlu fil-ħwienet u lit-tfal ma ħallewhomx imorru skola mat-tfal Olandiżi.

Darba fost l-oħrajn, omm Anne, Edith, irċeviet ittra ta' qsim il-qalb għax fiha qrat li riedu jeħdulha lil Margot. Għalhekk kellhom malajr malajr jaħarbu u jistaħbew. Il-ħabiba ta' Otto, Miep, ħadithom jistaħbew ġol-fabbrika għax fiha kien hemm xi kmamar vojta fejn ma kien jidħol ħadd. Filgħaxija ġiet Miep biex tieħu 'l Margot f'dan il-post. Biex ma jġorrux bagalji u jagħtu fil-għajn, libsu ħafna ħwejjeġ fuq xulxin. Anne tgħidx kemm bkiet għax ma setgħetx tieħu l-qattus għax inkella jindunaw bihom jekk joqgħod inewwaħ. Iżda magħha ħadet lid-djarju "Kitty" li minn dak li nsibu miktub fih nafu minn xiex għaddew kemm damu maqfulin hemm ġew.

Damu moħbijin madwar sentejn. Ġurnata minnhom kien hemm mara li rrappurtat li hemm xi Lhud joqogħdu fil-fabbrika u marru s-suldati jkissru u jwaddbu mal-art dak kollu li ġie għal idejhom, fosthom id-djarju ta' Anne. U kif nafu x'kien hemm miktub f'dan id-djarju? B'xorti tajba Miep ġabritulha minn fejn kienu rmewh is-suldati. Id-djarju sal-lum inqaleb f'67 lingwa. (silta addattata mis-'Sagħtar' ta' Frar 2003)

**Wieġeb f'sentenza kompluta:**

1. Fejn u meta twieldet Anne Frank? (marka)

______________________________________________

2. X'aħbar irċeviet omm Anne u x'kellhom jagħmlu eżatt wara? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

St. Francis Secondary

3. Fejn marru jistaħbew? (marka)

______________________________________________

______________________________________________

4. Spjega fi kliemek x'kellhom jagħmlu biex marru f'dan il-post. (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

5. Għaliex taħseb li sal-lum djarju bħal dan inqaleb għal daqstant lingwi? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

6. "Anne Frank dejjem kienet toħlom li la tikber tilħaq artista." X'tikkummenta dwar kumment bħal dan? Taħseb li rnexxielha twettaq din il-ħolma? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

## Ċ. Għarfien il-Lingwa (6 marki)

**Fisser fi kliemek dak il-kliem immarkat b'linja taħtu:**

1. qsim il-qalb – ______________________
2. jagħtu fil-għajn – ______________________
3. dak kollu li ġie għal idejhom – ______________________

**Sib il-kelma mis-silta li tfisser bħal:**

4. ħalliet pajjiżha – __________
5. battala – __________
6. jum – __________

## D. Il-Grammatika (16-il marka)

**Aqra din l-istorja u wara sib dak li hu mitlub.**

Il-ħaddiem tas-sena. Hekk kien magħruf Ġanni. Dejjem għaddej b'xi pinzell u landa żebgħa f'idu biex jagħti passata żebgħa lill-faċċata ta' xi dar. Mhux faċli tibda taħdem mis-7 ta' filgħodu sas-1 ta' waranofsinhar f'xemx taqli l-ġrieden. Iżda Ġanni hekk kien

St. Francis Secondary

magħmul. Martu Ġannina spiss toħroġ tagħmel xi qadi. Toħroġ fid-9 ta' filgħodu, tgħid kelmtejn u tmur lura d-dar b'xirja mdaqqsa. Lil Ġanni dejjem tixtrilu ftit ful u karawett ħa jkollu xi jgerrem filgħaxija quddiem it-televixin. Erħilu jinxteħet hemm għal 4 sigħat b'xi żewġ tazzi luminata quddiemu u Ġannina tgerger u tgħidlu li xejn mhu se jgawdihom dawk l-għajnejn! U ħsara lil dik iż-żaqq ikun qed jagħmel ukoll, m'għandniex xi ngħidu! *(par. 1)*

Ġannina kienet ħajjata mill-aqwa imma issa waqfet għax għajnejha marrulha lura. Tgħidx kemm kienet tħit ilbiesi tat-tieġ tal-għarusa. Il-libsa tat-tieġ tagħha hi wkoll kienet ħititha. Dik kienet l-akbar xewqa tagħha minn mindu kienet żgħira. *(par. 2)*

**Minn din is-silta sib ...**

1. 2 nomi tal-aġent: ________________________ ________________________
2. nom fil-plural miksur: ________________________
3. agħti l-plural ta' "televixin" (par. 1): ________________________
4. agħti l-plural ta' "pinzell" (par. 1): ________________________
5. sib eżempju ta' nom fil-plural sħiħ: ________________________
6. nom li juri l-farrad waħdieni: ________________________
7. 2 nomi fil-kollettiv: ________________________ ________________________
8. aqleb in-numri fi kliem fis-sentenza, "mis-7 ta' filgħodu sas-1 ta' waranofsinhar":

   ________________________________________________________________________
9. aqleb in-numri fi kliem fis-sentenza, "fid-9 ta' filgħodu":

   ________________________________________________________________________
10. 2 nomi li juru l-għadd imtenni: ______________________ ____________________
11. agħti l-maskil ta' "tal-għarusa" meħuda minn par. 2: ____________________
12. agħti l-maskil ta' "kienet żgħira" meħuda minn par. 2: ______________________

St. Francis Secondary

**E. Il-Malti Komunikattiv** (8 marki)

1. F'madwar 80 kelma, ibgħat ittra informali lil sħabek tal-klassi biex tistedinhom għall-mixja li se tagħmlu filgħaxija biex tiskopru l-misteru tal-għar.

**jew**

2. F'madwar 80 kelma, ibgħat ittra informali lill-kuġina tiegħek biex tgħidilha kif tistgħu tqattgħu tmiem il-ġimgħa li ġej flimkien.

**Ismek: Claire Muscat**

**L-indirizz tiegħek: 32, Triq il-Warda, il-Fgura, FGR 2000**

Immarka liema ittra informali għażilt: 1 □ 2 □

St. Francis Secondary

## F. Il-Poeżija (20 marka)

Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet dwar kull poeżija.

1. Strofa meħuda mill-poeżija 'To Wenzu, with Love' ta' Kilin:

"Hawn il-miljuni jgħammru dil-belt kbira,
imma kull wieħed serju jgħix għalih
u nixtieq nisma' daħka tfaqqa' sħiħa,
u nisma' kliem il-Malti jdoqq sabiħ."

**Wieġeb:**

a. Agħti eżempju ta' anafora minn din l-istrofa. (marka)

________________________________________________

b. Fisser fi kliemek, "u nisma' kliem il-Malti jdoqq sabiħ." (marka)

________________________________________________

________________________________________________

ċ. Din il-poeżija hija mimlija deskrizzjonijiet. X'effett iħallu dawn id-deskrizzjonijiet fuq il-poeżija? (2 marki)

________________________________________________

________________________________________________

d. Taħseb li din hija poeżija nostalġika? Għaliex? (3 marki)

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

2. Strofa meħuda mill-poeżija 'Żewġt Iħbieb' ta' Bro. Henry:

"Bħal sajjetta nstemgħet għajta
baqgħet tidwi 'l bogħod, 'il bogħod ...
kien ors b'saħħtu, kbir, imġewwaħ,
li mar fuqhom dritt u sod."

**Wieġeb:**

a. Agħti eżempju ta' similitudni minn din l-istrofa. (marka)

________________________________________________

St. Francis Secondary

b. Sib eżempju ta' epiżewski minn din l-istrofa u spjega x'inhu l-effett tagħha. (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

ċ. Xi jfissru l-puntini "..." f'din l-istrofa? (marka)

______________________________________________________________________

d. X'tikkumenta dwar dawn iż-żewġ versi meħuda mill-istess poeżija? (2 marki)

"għax ħabib tassew u tajjeb
dak li jgħinek fit-tiġrib."

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. Strofa meħuda mill-poeżija 'San Lawrenz' ta' Charles Bezzina:

"'Mma jum ix-xiħ ħalliena,
U l-wilġa saret flus,
Inxtrat min-negozjanti,
Mill-ħbieb, b'eluf ta' flus."

**Wieġeb:**

a. Fisser fi kliemek, "U l-wilġa saret flus," (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

b. X'tissejjaħ dik it-teknika użata fil-kelma "'Mma"? (marka)

______________________________________________________________________

ċ. X'tip ta' strofi u rima juża l-poeta f'din il-poeżija? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

d. Minbarra li hija poeżija nostalġika, din il-poeżija titratta wkoll it-tema tal-ambjent. X'tista' tikkumenta dwar dan u l-elementi l-oħrajn li ssemmew fil-poeżija? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

St. Francis Secondary

**Ġ. Il-Proża** ‘Ħolm tal-Milied?’ ta’ Trevor Żahra (20 marka)

Aqra din il-parti meħuda mir-rumanz u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

> “Fil-pront Leli ġie f’tiegħu: it-tabib u l-infermiera! Ħares madwaru u ntebaħ li kien qiegħed ġo soddtu fis-sala tal-isptar. Mela kollox kien ħolm! Imma kif jista’ jkun? Kien jaf preċiż dak kollu li għadda minnu! Ħassu anke għadu jista’ jtiegħem ġo ħalqu l-ħlewwa tal-ixkumvat.”

1. Għaliex kien qiegħed l-isptar Leli? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Waqt li Leli kien qiegħed l-isptar, in-nanna Franġiska kienet dejjem titlob. X’tista’ tikkummenta dwar dan il-punt u l-karattru tan-nanna Franġiska? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għal liema ħolm qed jirreferi Leli? (3 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Ma’ liema tifla ltaqa’ Leli fil-ħolma? Tista’ xxebbah lil dan il-karattru ma’ xi karattru ieħor li jissemma fl-istorja? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

5. Leli rnexxielu jduq xi ikel tradizzjonali Malti bis-saħħa tax-xiħa tal-presepju. Fil-fatt, meta ġie konxju, seta’ “jtiegħem ġo ħalqu l-ħlewwa tal-ixkumvat”. Għaliex kienet tipprepara dan l-ikel ix-xiħa? Fuq kollox, x’tip ta’ relazzjoni kien hemm bejn ix-xjuħ tal-presepju u Leli? (5 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

St. Francis Secondary

6. Fl-aħħar mill-aħħar, dan kollu kien ħolm tassew? Min kienu fil-verità l-karattri msemmija fil-ħolma? X'tikkummenta dwar il-vokabolarju użat li kien jiddeskrivi eżatt x'inhu jara u jagħmel Leli fir-rakkont? Għaliex ingħaqdu madwar mejda wara dan il-ħolm kollu? (6 marki)

TMIEM IL-KARTA

**F'dan l-ispazju t'hawn taħt tista' tniżżel xi punti jew xi noti marbuta ma' din il-karta.**

St. Francis Secondary